**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 20 ta' Marzu 2024**

**Kawża Numru: 221/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Luke Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imsemmi Luke Zammit ta' erbgħa u tletin (34) sena, iben Stephen u Nathalie nee' Formosa, imwieled Pieta', nhar it-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u disgħin (1990), residenti ġewwa l-fond bin-numru tlieta u ħamsin (53), Triq il-Granmastri, Wied il-Għajn u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 106690(M)

F'isem ir-Repubblika ta' Malta nakkużawh talli:

Nhar it-tnejn (2) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), għall-ħabta ta' bejn l-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (16:30) u s-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30) u/jew fil-ġranet ta' qabel, ġewwa Epic, Skyparks, Vjal l-Avjazzjoni, Gudja:

1. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur, liema valur tal-ħaġa misruqa huwa iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Epic Communications Limited u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli, matul ix-xahar ta’ Jannar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u/jew fix-xhur ta’ wara ġewwa l-gzejjer Maltin;

2. Xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

F’każ ta’ ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-liġi;

F’każ ta’ ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-disposizjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-liġi;

F’każ ta’ ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta’ tal-partijiet leżi.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Rat li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta’ l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta’ l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien sabiex jerġa’ jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa’ lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni, u tad-difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat ġie mixli talli nhar it-tnejn (2) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u/jew fil-ġranet ta’ qabel, ikkommetta serq ta’ flus u/jew oġġetti oħra, għad-detriment ta’ Epic Communications Limited, kif ukoll talli, matul ix-xahar ta’ Jannar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u/jew fix-xhur ta’ wara xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu. Illi madanakollu in kwantu għat-tieni imputazzjoni, il-Qorti tqis li ma tistax minkejja l-ammissjoni tal-imputat, issibu ħati ta’ din l-imputazzjoni. F’dan ir-rigward

referenza qegħda ssir għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Eusebio Busuttil u Rodney Vella** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali[1] nhar id-disgħa (9) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) fejn ingħad :-

> *"Illi qabel xejn – minkejja li l-appellant Busuttil ma ressaq ebda aggravju dwar dan, din il-Qorti thoss li ghandha tosserva li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant Busuttil hati kemm tal-ewwel akkuza ta' serq kif ukoll tat-tieni akkuza ta' ricettazzjoni, meta kien ovvju li dawn iz-zewg akkuzi nghataw b' mod alternattiv u mhux kumulattiv ghax* ***reat wiehed jeskludi lill-iehor meta si tratta tal-istess re furtiva****. Hawn l-akkuza tirriferi ghall-istess jum u l-provi kollha li ngabu huma b' riferenza ghall-kaz ta' serq minn gol-petrol station ta' Polidano w* ***ma hemmx l-inqas accenn li jista' jkun involut xi att ta' ricettazzjoni ta' xi re furtiva derivanti minn xi kaz iehor ta' serq****.* ***Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija ta' ricettazzjoni jekk u una volta tkun sabet xi htija taht l-ewwel imputazzjoni jew ta' xi reat iehor kompriz u involut fl-ewwel imputazzjoni, jew ta' komplicita' fl-istess reat biss****[2]. Ghalhekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti ma treggix in kwantu sabet lil dan l-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet flimkien. Irid ghalhekk jigi determinat jekk hemmx htija ta' wahda jew tal-ohra jew ta' ebda wahda minnhom."*

Illi fid-dawl tal-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fuq ċitat u fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza kopjuża tal-Qrati tagħna f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li minkejja l-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, u minkejja l-qbil bejn il-partijiet, ġjaladarba l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni ta' serq, l-imputat ma jistax jinstab ħati ukoll tar-riċettazzjoni ta' l-istess oġġetti li huwa 'ex admissis' seraq. Għaldaqstant filwaqt li din il-Qorti fuq ammissjoni ser issib ħtija fir-rigward tal-imputazzjoni ta' serq, tqis l-akkuża rigwardanti r-riċetazzjoni bħala alternattiva u ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali netta tal-imputat, in-natura tar-reat li tiegħu qiegħed jinstab ħati, id-dikjarazzjoni tad-difiża li l-imputat huwa dispost li jirrifondi l-ammont kollu lill-parti leża, kif ukoll il-fatt li l-imputat rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri. Il-Qorti ħadet ukoll nota tal-fatt li hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni, u l-abbli avukat difensur, li

---

[1] Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono, Appell Kriminali Numru 131/2005

[2] Sottolinear u emfasi miżjuda minn din il-Qorti

l-ammont li għandu jiġi rifuż lill-Epic Communications Limited huwa dak ta' sbatax-il elf, ħames mija u wieħed u ħamsin ewro u sittax-il ċenteżmu (€17,551.16).

**Decide**

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 261(ċ)(d), 267, 268(a)(d), 279(b), 280(1) u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni (2) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, stante li qegħda tqis din l-imputazzjoni bħala waħda alternattiva għall-ewwel imputazzjoni, filwaqt illi fuq ammissjoni tiegħu stess, qegħda ssib lill-imputat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' sentejn (2) priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikou 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiġi sospiża għal żmien tliet (3) snin mill-llum.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza l-imputat iħallas lill-Epic Communications Limited is-somma ta' sbatax-il elf, ħames mija u wieħed u ħamsin ewro u sittax-il ċenteżmu (€17,551.16).

Il-Qorti qed twissi lill-imputat li jekk jonqos milli jikkonforma ruħu mad-direttiva hawn imposta fuqu ai termini ta' l-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta entro t-terminu prefiss ta' sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza, is-soċjeta' Epic Communications Limited tista' tagħmel Rikors quddiem il-Qorti, liema Rikors ikollu jiġi notifikat lill-imputat u jiġi appuntat għas-smigħ fi żmien sebat ijiem min-notifika, u jekk il-Qorti, wara tali smigħ, tkun sodisfatta li l-imputat jkun naqas milli hekk jikkonforma ruħu mad-direttiva hawn imposta fuqu, għandha tordna li s-sentenza sospiża tibda sseħħ, jew, għal kawża raġonevoli, tista' tikkonċedi lill-imputat żmien ieħor perentorju li ma jkunx iktar minn xahar, sabiex jikkonforma ruħu mad-direttiva imsemmija.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Deguara